**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 911/2017 JVC**

**Chain Services Limited** (C- 17803)

**vs**

**Camland Limited** (C-25514)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' **Chain Services Limited (C-17803)** li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-kontendenti huma ko-propjetarji ta 'bicca art fil-limiti ta 'Hal Qormi, fid-distrett maghruf bhala "fuq il-Blat" fi Triq San Gwakkin, maghruf bhala "tas-Sellum sive tal-Blat sive Tal-Irlandiz", tal-kejl circa ta 'tlett mija u wiehed u ghoxrin metru kwadru (321mk), kif muri fuq l-annessa site plan mahruga mir-Registru tal-Artijiet u mmarkata **DOK A**;

2. Illi s-socjeta 'rikorrenti xtrat u akkwistat in-nofs indiviz tal-imsemmija art minn ghand Grazio sive Horace Scicluna u martu Ruth, u dan bis-sahha ta 'att pubbliku ta 'bejgh tas-17 ta 'Novembru 2011, fl-atti tan-Nutar Dr Jean Pierre Attard, kopja hawn annessa u mmarkata **DOK B**;

3. Illi s-socjeta intimata minn naha taghha, xtrat u akkwistat in-nofs indiviz l-iehor mill-istess art, minn ghand Edwin Calleja, bhala esekutur testamentarju tal-assi ereditarji ta 'Giuseppa sive Jessie Abela, u dan b'att pubbliku ta 'bejgh tal-31 ta ' Ottubru 2005, fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia, kopja hawn annessa u mmarkata **DOK C**;

4. Illi l-art de quo m'hijiex komodament divizibbli u dan kif certifikat mir-Relazzjoni tal-Perit Mattea Zahra tal-20 ta ' Settembru 2017, kopja mehmuza bhala **DOK D**;

5. Illi s-socjeta 'rikorrenti ma tridx tibqa 'tipposedi aktar in komunjoni mal-ko-propjetarju l-iehor;

**Ghaldaqstant**, is-socjeta 'esponenti qeghda titlob sabiex taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha xierqa, din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-art msemmija u murija f'DOK A, previa n-nomina ta 'perit biex jistma 'l-istess art u d-dikjarazzjoni illi l-art de quo mhix komodament divizibbli bejn il-kontendenti, bl-eskluzjoni ta 'oblaturi estraneji u b'dan ukoll illi meta xi wiehed mill-kontendenti joghgbu joffri, tawtorizza lill-istess parti joffri limitatament fuq is-sehem tal-parti l-ohra, u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u oppotuni,

   u

2. Konsegwentement, tordna illi l-prezz tal-art meta tigi mibjugha jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom, ossia b'sehem indaqs bejniethom.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunti ghas-subizzjoni. '

Rat ir-risposta ta' Camland Limited (C-25514) li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-intempestiva tal-azzjoni attrici in kwantu l-proprjeta' mertu tal-azzjoni biex iggib l-ahjar prezz trid qabel xejn tigi determinata *z-zoning* taghha biex tkun tista 'tigi zviluppata.

Il-plot in kwistjoni ghalkemm parti minnha hija fabrikabbli, tinsab f'*rationalisation area* u ghalhekk ma tistax tigi zviluppata qabel tigi sottomessa u approvata *PC application* li tkopriha. Dan bilfors jimporta li jintlahaq qbil bejn is-sidien ta 'mill-inqas 75%tal-art kollha inkluza fir-*rationalisation area* specifika. Huwa car li jkun aktar vantaggjuz li l-art tinbiegh wara li ssir u tigi approvata l-*PC application*, billi kjarament il-valur taghha jitjieb sensibilment.

2. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici ghandha taghmel il-prova tal-proprjeta 'taghha. Is-sehem indiviz tal-attrici jinsab dikjarat bhala hieles minn cnus waqt is-sehem indiviz li ghandha l-esponenti huwa suggett ghal hlas ta' cens annwu u perpetwu. Probabilment wahda minn dawn hija zbaljata.

3. Fil-mertu ghar-ragunijiet spjegati *supra,* fil-prezent l-art mertu tal-kawza ma tistax tinbiegh bl-ahjar prezz li jista' jinstab fis-suq, u ghalhekk il-licitazzjoni tkun ta' hsara ghall-esponenti.

4. Ghalhekk f'dan l-istadju l-esponenti topponi ruhha ghat-talbiet attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur u b'riserva ghal azzjonijiet ohra spettanti lill-eccipjenti kontra l-istess attur, fosthom dik ghad-danni. '

Rat illi fil-verbal u d-digriet tal-10 ta' Mejju 2018[1], din il-Qorti diversament ippreseduta innominat lill-Perit Tekniku Godwin Abela sabiex jaccedi fuq il-post, jisma' x-xhieda, jfittex u jirrelata dwar jekk l-art mertu tal-kawza hijiex komodament divizibbli u f'tali kaz jipprezenta pjan ta' divizjoni kif ukoll sabiex jaghmel stima tal-art tenut kont tal-potenzjal tal-izvilupp tal-istess art.

Rat ukoll li a tenur tal-verbal tas-16 ta' Settembru 2020[2] l-inkarigu tal-Perit Tekniku sabiex jisma' l-provi gie revokat.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela pprezentat fil-5 ta' Jannar 2021 u mahluf fis-27 ta' Mejju 2021.

Rat in-nota tas-socjetà intimata datata 7 ta' Novembru 2024[3] permezz ta' liema iddikjarat illi taqbel mad-deskrizzjoni tal-porzjon kif deskritt mill-Perit Tekniku Godwin Abela fir-rapport prezentat a fol. 79 tal-process, u li per konsegwenza taqbel li din il-Qorti tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-art imsemmija kif mitlub b'dan li dak li jghodd ghall-parti jkun jghodd ukoll bl-istess mod ghall-parti l-ohra.

Rat ukoll in-nota tas-socjetà rikorrenti datata 4 ta' Marzu 2025 permezz ta' liema hija ddikjarat li taqbel li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha, inkluz l-affidavits, x-xhieda, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

---

[1] a fol. 51 et seq. tal-process
[2] a fol. 70 tal-process
[3] a fol. 94 tal-process

Rat illi fil-verbal datat  18 ta' Marzu, 2025 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-socjeta' rikorrenti tipremetti illi flimkien mas-socjetà intimata hija ko-propjetarji ta' bicca art fil-limiti ta' Hal Qormi, fid-distrett maghruf bhala "fuq il-Blat" fi Triq San Gwakkin, maghruf bhala "tas-Sellum sive tal-Blat sive Tal-Irlandiz", tal-kejl circa ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin metru kwadru (321mk). Is-socjetà intimata pemezz tan-nota datata 7 ta' Novembru 2024[4] iddikajarat illi taqbel mad-deskrizzjoni moghtija mill-Perit Tekniku Godwin Abela fir-rapport minnu redatt pprezentat fil-5 ta' Jannar 2021 u mahluf fis-27 ta' Mejju 2021. Ghaldaqstant, s-socjetà intimata ma tikkontestax la l-kwoti ta' kompropjeta' specifikati u wisq anqas ma qed tikkontesta li l-fond ma hux komodament divisibbli, taqbel ukoll li l-fond jinbiegh b'licitazzjoni stante li lanqas ma huwa possibli li ssir tpaccija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur. Tiddikjara wkoll li taqbel ukoll mal-valutazzjoni moghtija mill-Perit Arkitett Godwin Abela.

Rat l-affidavit ta' **Warren Azzoaprdi**[5] li jiddikjara li fis-17 ta' Novembru 2011 akwista a nom tas-socjetà Chain Services Ltd minghand Grazio sive Horace u martu Ruth Scicluna in-nofs indiviz ta' porzjon t'art fil-limiti ta' Hal-Qormi fiz-zona maghrufha bhala 'Tal-Blat' fi Triq San Gwakkin, maghrufa ukoll bhala Tas-Sellum sive tal-Blat sive tal-Irlandiz. Jispjega li minn dak iz-zmien huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jixtri s-sehem rimanenti jew addirittura jbiegh sehmu lil Charles Camilleri a nom tas-socjetà

[4] a fol. 94 tal-process
[5] a fol. 55 tal-process

Camland Limited, il-propjetarja' tas-sehem tan-nofs indiviz l-iehor, liema tentattivi irrizultaw fin-negattiv u ghaldaqstant kellu jipprocedi bil-proceduri odjreni. L-intimata issostni li hija xtrat is-sehem tan-nofs indiviz l-iehor soggett ghall-cens perpetwu. Jinnota li huwa mar ghand in-Nutar tieghu u ghamel il-verifiki necessarji li gharfu li skont il-kuntratti precedenti kemm meta xtraw Grazio u martu Ruth Scicluna minghand Lorenza sive Laura Cilia fis-16 ta' Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, kif ukoll meta kien xtara l-Gvern ta' Malta bicca mill-istess art u minghand l-istess Lorenza Cilia u Theresa u Paul Cilia fit-8 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, ma jirrizulta li deher ebda cens jaggrava fuq din l-art anzi a dirittura gie dikjarat li it-trasferimenti saru bhala "libera u franka". Isostni ukoll li din l-art ma hix komodament divizibbli u fil-fatt dan anke ccertifikah l-Perit Arkitett Mattea Zahra inkarigat minnu u dan skont ir-rapport tal-istess datat 20 ta' Settembru 2017.

Rat li fil-kuntratt datat 16 ta' Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien[6], din l-art tas-socjetà rikorrenti giet deskritta bhala:

*"nofs indiviz ta' porzjon tal-art fil-limiti ta' Hal Qormi, fid-distrett maghruf bhala Fuq il-Blat, f'Triq San Gwakkin, maghruf bhala "Tas-Sellum" sive "Tal-Blat" sive "Tal-Irlandiz" murija fuq il-pjanta u s-survey sheet hawn annessi u mmkarkati bl-ittri 'A' u 'B' rispettivament, tal-kejl ta' tliet mija hamsa u tlettin metri kwadri (335m2) u cioe' mija tnejn u hamsin pied (152') tul u wisgha ta' tletin pied (30') mill-iktar parti wiesgha taghha, konfinanti mill-punent ma' Triq San Gwakkin, lbic mal-Bypass tal-Imriehel, u lvant ma' beni tal-aventi kawza tal-Knisja Parrokjali ta' Haz-Zebbug, libera u franka, u bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha".*

[6] a fol. 55 tal-process

Rat ukoll li fil-kuntratt datat 8 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli [7] l-propjeta' tas-socjetà rikorrenti hija deskritta bhala

*"in-nofs (1/2) indiviz tal-bicca art fil-limiti ta' Hal-Qormi formanti parti mill-art maghrufa 'Tal-Blat', liema art hija tal-kejl ta' cirka elf tlett mija u wiehed u tmenin metri kwadri (1381mk) u tmiss mill-Majjistral ma' propjeta' tal-Perit Carmel Chetcuti, mill-Grigal ma' propjeta' tal-Gvern u mil-Lbic ma' propjeta' tal-Kanoniku Luigi Cilia u ohrajn jew irjieh verjuri. Din il-bicca art hija murija bil-bordura blu u bin-numru sebgha (7) fuq pjanta li tinkorpora fiha Survey Sheet indikata bhala Land Drawing numru tlett mija sebgha u sittin zbarra wiehed u disghin (L.D.367/91) 'part of' u mmarkata X hawn anness ghar-registrazzjoni u fuq survey sheet immarkata 'Y'."*

Rat il-kuntratt datat 17 ta' Novembru 2011[8] fl-atti tan-Nutar Jean Pierre Attard s-sehem tas-socjetà rikorrenti mill-art in kwistjoni huwa deskrita bhala:

*"nofs indiviz ta' porzjon diviza ta' art fil-limiti ta' Hal Qormi, fid-distrett maghruf bhala Fuq il-Blat, f'Triq San Gwakkin, maghrufa bhala tas-Sellum sive tal-Blat sive tal-Irlandiz murija fuq il-pjanta u s-survey sheet annessa ma' dan l-att mmkarkata bhala 'Dokument A' tal-kejl ta' circa tliet mija hamsa u tlettin metri kwadri (335m2) u cioe' mija tnejn u hamsin pied (152') tul u wisa ta' circa tletin pied (30') mill-iktar parti wiesgha taghha, konfinanti mill-Punent ma' Triq San Gwakkin, lbic mal-Bypass tal-Imriehel, u Lvant ma' beni tal-aventi kawza tal-Knisja Parrokjali ta' Haz-Zebbug, libera u franka, u bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha".*

Rat li permezz tal-kuntratt t'akkwist datat 31 ta' Ottubru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia[9] s-socjetà intimata akkwistat s-sehem

[7] a fol. 58 tal-process
[8] a fol. 5 tal-process
[9] a fol. 95 et seq.tal-process

ta' nofs indiviz tal porzjon mill-ghalqa denominata 'Tas-Sellum', ossia 'Tal-Blat' jew 'Tal-Irlandiz', f'Hal Qormi, imqabbla lil terzi u cioe', porzjon tal-kejl ta' cirka tlett mija wiehed u ghoxrin (321m.k.) konfinanti mill-lvant in parti ma' beni ta' Rita u Mario Grazio konjugi Farrugia u in parti ma' beni tad-Dar tal-Providenza, li hija akkwistat flimkien ma' propjetajiet ohra, liema porzjon art hija murija delineata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta tal-Land Registry esebita mal-istess kuntratt.

Illi l-kawza odjerna giet intavolata ai termini tal-Artikolu 515 et seq tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta 'Malta) li jitrattaw il-bejgh b'licitazzjoni. L-Artikolu 515 jipprovdi illi:

> '(1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta ' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.
>
> (2) L-istess isir jekk, f'qasam ta 'beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista 'jew trid tieħu.'

Il-kawza odjerna giet intavolata ai termini tal-Artikolu 515 et seq tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta 'Malta) li jitrattaw ilbejgh b'licitazzjoni. L-Artikolu 515 citat, jipprovdi illi:

> '(1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta ' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.

> (2) L-istess isir jekk, f'qasam ta 'beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista 'jew trid tieħu.'

Skont l-Artikolu 518 (1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, m'hija mehtiega l-ebda formalita' u tista' issir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu.

Illi dwar l-immobbli ndikat fil-paragrafi precedenti huwa car u infatti mhux kontestat, li dan m'huwiex komodament divizibbli bla xkiel u bla hsara, lanqas m'huwa possibbli li ssir xi forma ta' tpattija b'beni ohra inkomun ta' xorta differenti izda tal-istess valur. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti ser tghaddi sabiex tqis il-fond bhala wiehed li mhux komodament divizibbli. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tordna l-bejgh bil-licitazzjoni kif ser jigi ndikat fil-paragrafi segwenti ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-10 ta' Mejju 2018[10], il-Qorti nnominat lill-Perit Godwin Abela sabiex jaccedi fuq il-post, jisma' x-xhieda, ifittex u jirrelata dwar jekk l-art mertu tal-kawza hijiex komodament divizibbli u f'tali kaz jipprezenta pjan ta' divizjoni kif ukoll sabiex jaghmel stima tal-art tenut kont tal-potenzjal tal-izvilupp tal-istess art. A tenur tal-verbal tas-16 ta' Settembru 2020[11] l-inkarigu tal-Perit Tekniku sabiex jisma' l-provi gie revokat.

---

[10] a fol. 51 et seq. tal-process
[11] a fol. 70 tal-process

Ir-rapport tal-**Perit Tekniku Godwin Abela** gie pprezentat fil-5 ta' Jannar 2021 u mahluf fis-27 ta' Mejju 2021. Il-Perit Arkitett acceda ghall-post fis-6 ta' Novembru 2018 fil-prezenza tal-partijiet u l-avukati taghhom. Din il-Qorti sejra tikkwota ad verbatim mir-rapport peritali l-parti ndikata bhala 'Deskrizzjoni tal-Proprjeta' minn fejn jirrizulta l-fatturi kollha li huwa ha in konsiderazzjoni meta gie sabiex jistabbilixxi l-valur tal-fond:

> *5.01 L-art in mertu, hawn taht murija fuq il-basemao parzjalment riprodotta tikkonsisti in parti f'bicca art f'tarf ta' zvilupp residenzajli u in parti tmiss mal-bypass tal-lmriehel.*



*5.02 L-art ghandha kejl superficjali ta' cirka 321 metri kwadri. verifikati b' mod digitali fuq il-basemap.*

*5.03 B'referenza ghall-policies viggenti, 130 metri kwadri tal-art in kwistjoni delineati fir-rapport tal-perit f'sezzjoni 5 bl-ahmar jinsabu goz-zona ta' zvilupp waqt li r-rimanenti 191 metri kwadri jinsabu barra miz-zona tal-izvilupp. Mill-porzjon tal-art goz-zona ta' zvilupp cirka 95 metri kwadri biss jistghu jigu mibnija, ghaldaqstant l-izvilupp ghandu limitazzjoni qawwija.*

*5.04 L-art in mertu tinsab fil-konfini tac-Central Malta Local Plan u senjatament fil-Qormi Area Policy Map fejn l-uzu indikat huwa wiehed residenzjali suggett ghall-policies tal-Awtorità tal-Ippjanar CG07 u Q006.*

*5.05 L-art in mertu tinsab f'zona fejn l-gholi massimu permessibbli hu ta' tlett sulari fuq semi basement kif indikat fuq il-Qormi Building Heights Limitations Map. Meta giet in vigore d-DC2015[12] dan l-gholi gie stabbilit ghall-17.5m li jfisser binja ta' erba' sulari u sular iehor irtirat.*

*5.06 Minhabba l-fatt li l-art in mertu ghandha l-konfigurazzjoni murija fuq il-basemap kif ukoll minhabba l-fatt li parti minnha biss tista' tigi zviluppata l-Perit Arkitett iddikjara li huwa tal-fehma li l-art mihiex divizibbli.*

*6.Il-BAZI TAL-VALUTAZZJONI*

*Il-valutazzjoni kienet ibbazata fuq is-segwenti:*

---

[12] DC2015 - Development Control Design Policy, Guidance & Standards - Awtorita' tal-Ippjanar

*6.01 L-applikazzjoni tar-residual land valuation method, li jikkonsidra l-valur tal-izvilupp potenzjali kif hawn fuq deskritt kif ukoll l-ispejjez kollha relatati ma tali zvilupp.*

*6.02 Il-valur tal-izvilupp potenzjali kien ibbazatt fuq l-applikazzjoni tal-metodu komparattiv. tenut kont tal-valuri ta' propjetajiet simili fl-istess zona.*

*7. VALUTAZZJONI*

*L-esponent hu tal-fehma li l-valur tal-art in kwistjoni li kieku mibjugha volontarjament minn sidha fl-istat li tinsab fih illum, bhala art vakanti bl-izvilupp potenzjali pjuttost limitat, fuq is-suq miftuh, hu ta' mitt elf ewro (€100,000).*

Illi jirrizulta li l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet talba ghal periti perizjuri u lanqas ma eskutew lil Perit Godwin Abela, anzi s-socjetà intimata *di sua sponte* ipprezentat nota[13] permezz ta' liema iddikjarat illi taqbel mad-deskrizzjoni tal-porzjon kif deskritt mill-Perit Tekniku Godwin Abela fir-rapport prezentat a fol. 79 tal-process, u li per konsegwenza taqbel li din il-Qorti tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-art imsemmija kif mitlub b'dan li dak li jghodd ghall-parti jkun jghodd ukoll bl-istess mod ghall-parti l-ohra. Ghaldaqstant il-valur tal-art fl-eventwalita' li t-talbiet tal-atturi jigu milqugha sejjer ikun dak ta' mitt elf ewro (€100,000), skont il-valur tal-2021.

[13] a fol. 94 tal-process

Illi in kwantu ghal partecipazzjoni ta' oblaturi estranei l-Qorti tirrileva li din hija mposta mil-ligi u taghmel referenza ghall-Artikolu 521(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

Ukoll huwa logiku li biex jigi akkwistat l-ahjar prezz fl-interess ta' kulhadd dan certament jizdied jekk ikun hemm l-oblaturi estranei. Ghaldaqstant in ottemperanza mal-Ligi u fl-interess tas-sidien kollha l-Qorti ser tordna l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei fil-bejgh bil-licitazzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rirkorrenti sakemm kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-art fil-limiti ta' Hal Qormi, fid-distrett maghruf bhala "fuq il-Blat" fi Triq San Gwakkin, maghruf bhala "tas-Sellum sive tal-Blat sive Tal-Irlandiz", tal-kejl circa ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin metru kwadru (321mk) bil-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, b'dana li ai fini tal-bejgh il-valur shih tal-immobbli ghandu jkun dak ta' mitt elf ewro (€100,000) u dan kif gie stabbilit il-valur fis-suq mill-Perit Tekniku Godwin Abela nnominat mill-Qorti.

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-partijiet skont is-sehem rispettiv fil-proprjeta'.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2025**